# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 6**

**Cit. Nru. 2043/00(F1) GCD**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd.**

**Vs**

**Phelan Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' Lm5,475.96, rapprezentanti l-prezz ta' oggetti tal-ikel u xorb akkwistati u debitament konsenjati lis-socjeta` konvenuta;

Illi d-dejn hu cert, likwidu u esigibbli u, kif jirrizulta mill-affidavit anness mac-citazzjoni Dok. "A", fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;  u

Illi debitament interpellata permezz ta' ittra datata 23 ta' Awissu, 2000, ("Dok. B"), is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm5,475.96, dovuta kif fuq espost.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kif ukoll ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Awissu, 2000, indirizzata fl-ufficju registrat tas-socjeta` u bl-imghax mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti mibjugha.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Edward Borg u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-

kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm